



Ġurnata “miftuħa” fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

8 ta' Mejju – Festa tal-Ewropa

Sittin sena ilu, fid-9 ta' Mejju 1950, Robert Schuman ippreżenta l-proposta tiegħu dwar organizzazzjoni tal-Ewropa, indispensabbli għaż-żamma tal-paċi. Din il-proposta, magħrufa bħala d-“Dikjarazzjoni Schuman”, hija kkunsidrata bħala ċ-ċertifikat tat-twelid tal-Unjoni Ewropea.

Id-9 ta' Mejju llum tiġi ċċelebrata bħala l-ġurnata tal-Ewropa mis-27 Stat Membru. Bħal ma huma l-bandiera, l-innu, il-motto u l-munita unika (l-euro), din il-ġurnata tidentifika l-Unjoni Ewropea bħala entità politika. F'din l-okkażjoni, jiġu organizzati numru ta' attivitajiet fis-27 pajjiż tal-Unjoni.

Fil-Lussemburgu, il-festa tal-Ewropa ser tiġi organizzata nhar is-Sibt, 8 ta' Mejju, fil-misraħ tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn ser jitniedu diversi programmi kulturali matul il-ġurnata kollha. L-istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej ser ikunu preżenti f'dan il-misraħ sabiex jiffurmaw “villaġġ Ewropew”.

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Ewropa, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tiftaħ il-bibien tagħha għall-pubbliku f'dan l-istess jum mill-10.00 sas-18.00. Matul din il-ġurnata, daww interessati ser ikunu jistgħu jżuru l-bini tal-istituzzjoni u jkollhom ukoll il-possibbiltà jiskopru minn wara l-kwinti. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun miftuħa għall-pubbliku matul is-sena, din l-opportunità eċċezzjonali ser tippermetti liċ-ċittadini jżuru postijiet simboliċi bħal ma hija s-Sala l-kbira għad-deliberazzjonijiet, li minnha wieħed jista' jara panorama spettakolari tal-belt.

Iż-żjarat tal-bini, individwalment jew fi gruppi, ser isegwu dawra ppjanata speċifikament għal din l-okkażjoni, li fiha tingħata spjegazzjoni ta' kif taħdem il-ġustizzja Ewropea. Ser jiġu organizzati żjarat bil-gwida l-ħin kollu bil-Franċiż, bl-Ingliż u bil-Ġermaniż. Jistgħu jiġu organizzati żjarat f'lingwi uffiċjali oħra jekk ikun hemm almenu sitt persuni li juru l-interess tagħhom għal dan.

Il-parking ta' taħt l-art tal-Qorti tal-Ġustizzja (daħla minn Rue Charles Léon Hammes) ser ikun jista' jintuża mill-viżitaturi matul l-avveniment kollu.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lil-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355